**Emenda 1**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 27**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 27. Jinnota li l-Intestatura 1a għandha l-akbar sehem mit-tnaqqis tal-Kunsill, kemm f'impenji (EUR -323,5 miljun meta mqabbla mal-AB) u kemm f'pagamenti (EUR -1 335 miljun), minkejja l-fatt li, għal darb'oħra, f'Ġunju 2014 il-Kunsill Ewropew qiegħed it-tkabbir, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fil-quċċata tal-aġenda politika tiegħu; jenfasizza l-fatt li uħud minn dan it-tnaqqis mhuwiex konformi mal-ftehim dwar il-QFP 2014-2020, peress li jnaqqas b'mod qawwi l-programm Orizzont 2020 (b'EUR 190 miljun f'impenji meta mqabbel mal-AB), li kellu konċentrazzjoni inizjali sinifikanti bl-ammont ta' EUR 200 miljun fl-2014***, kif ukoll il-programm ITER (EUR -11,2 miljun) li minflok għandu jkollu konċentrazzjoni inizjali fl-2015 bħala kumpens għall-fatt li, fl-2014, kellu konċentrazzjoni fil-finanzjament fl-aħħar***; | 27. Jinnota li l-Intestatura 1a għandha l-akbar sehem mit-tnaqqis tal-Kunsill, kemm f'impenji (EUR -323,5 miljun meta mqabbla mal-AB) u kemm f'pagamenti (EUR -1 335 miljun), minkejja l-fatt li, għal darb'oħra, f'Ġunju 2014 il-Kunsill Ewropew qiegħed it-tkabbir, il-kompetittività u l-ħolqien tal-impjiegi fil-quċċata tal-aġenda politika tiegħu; jenfasizza l-fatt li uħud minn dan it-tnaqqis mhuwiex konformi mal-ftehim dwar il-QFP 2014-2020, peress li jnaqqas b'mod qawwi l-programm Orizzont 2020 (b'EUR 190 miljun f'impenji meta mqabbel mal-AB), li kellu konċentrazzjoni inizjali sinifikanti bl-ammont ta' EUR 200 miljun fl-2014; |

Or. en

**Emenda 2**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 28**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 28. Jemmen li, sabiex ikun hemm aktar sigurtà tal-enerġija, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija huma wkoll essenzjali fil-kuntest ta' dipendenza tal-enerġija fuq ir-Russja, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li l-aktar li jiddependu fuq il-gass mir-Russja; jappella sabiex l-objettivi tal-infiq tal-fondi tal-enerġija fil-qafas ta' Orizzont 2020 jiġu allinjati mal-impenji li saru matul il-proċess leġiżlattiv; | 28. Jemmen li, sabiex ikun hemm aktar sigurtà tal-enerġija, il-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza fl-enerġija huma wkoll essenzjali fil-kuntest ta' dipendenza tal-enerġija fuq ir-Russja, b'mod partikolari f'dawk l-Istati Membri li l-aktar li jiddependu fuq il-gass mir-Russja; jappella sabiex l-objettivi tal-infiq tal-fondi tal-enerġija fil-qafas ta' Orizzont 2020 jiġu allinjati mal-impenji li saru matul il-proċess leġiżlattiv; ***jistenna li l-Kummissjoni, konsegwentement, talloka 15 % tal-baġit tagħha għar-riċerka dwar l-enerġija biex tiffinanzja attivitajiet għall-adozzjoni fis-suq tal-enerġiji rinnovabbli u soluzzjonijiet ta' effiċjenza enerġetika attwali permezz tal-programm Enerġija intelliġenti — Ewropa III;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/3

**Emenda 3**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29a. Jenfasizza l-fatt li l-approprjazzjonijiet għall-impjant esperimentali tal-fużjoni ITER jammontaw għal EUR 838 miljun (AI) oħra fil-baġit 2015; jenfasizza l-kosteffettività ferm baxxa ta' dan il-proġett, li minnu m'huma mistennija l-ebda riżultati tanġibbli qabel l-2050;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/4

**Emenda 4**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***29b. Jenfasizza d-diskrepanza ferm kbira bejn il-finanzjament għall-attivitajiet nukleari fil-baġit tal-UE u l-appoġġ favur enerġija rinnovabbli li tħares lejn il-ġejjieni; jemmen, għaldaqstant, li jekk il-proġett ITER jiġi abbandunat, ħafna riżorsi li huma ferm meħtieġa jinħelsu sabiex ikunu jistgħu jintużaw għal investiment f'teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli li diġà jiffunzjonaw;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/5

**Emenda 5**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 29c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***29c. Jemmen li l-linja baġitarja Euratom għall-fissjoni nukleari u għall-protezzjoni mir-radjazzjoni għandha tingħata orjentazzjoni ġdida favur id-dekummissjonar tal-impjanti tal-enerġija nukleari; iqis, b'mod analogu, li l-approprjazzjonijiet għall-attivitajiet nukleari taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka għandhom jintużaw biss għal attivitajiet meħtieġa għall-implimentazzjoni tas-salvagwardji;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 43a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***43a. Jilqa' l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li jkollha rwol aktar b'saħħtu fit-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-programmi taħt il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej; jitlob, partikolarment, li r-rekwiżiti għall-involviment tal-atturi lokali u reġjonali kif ukoll tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu ssodisfati sabiex is-sjieda tal-politika tiġi estiża u jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni fil-qasam tat-tibdil fil-klima u t-tnaqqis tal-faqar; jistieden lill-Istati Membri jisfruttar bis-sħiħ l-istrumenti u l-metodoloġiji disponibbli bħall-ittraċċar tat-tibdil fil-klima, sabiex jagħtu aktar viżibilità lill-isforzi tagħhom;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/7

**Emenda 7**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 45. Jaqbel li hemm bżonn ta' appoġġ addizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd tal-Unjoni; jilqa' pożittivament il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza meħuda mill-Kummissjoni Ewropea bħala rispons inizjali għal din il-kriżi; iżid għalhekk il-kofinanzjament tal-Unjoni għall-miżuri ta' promozzjoni fil-Politika Agrikola Komuni bi 30 miljun, bil-għan li l-produtturi jiġu megħjuna jsibu opportunitajiet ta' bejgħ alternattivi, filwaqt li jforni EUR 5 miljun bħala appoġġ addizzjonali lis-sajjieda permezz tal-FEMS; jiddeċiedi wkoll li jżid l-ammont disponibbli għall-iskema tal-frott għall-iskejjel b'EUR 7 miljun u għall-iskema tal-ħalib għall-iskejjel b'EUR 4 miljun lil hinn mill-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni; | 45. Jaqbel li hemm bżonn ta' appoġġ addizzjonali biex jittaffa l-impatt tal-projbizzjoni Russa fuq l-importazzjoni ta' ċerti prodotti agrikoli u tas-sajd tal-Unjoni; jilqa' pożittivament il-miżuri ta' appoġġ ta' emerġenza meħuda mill-Kummissjoni Ewropea bħala rispons inizjali għal din il-kriżi; iżid, għalhekk, il-kofinanzjament tal-Unjoni għall-miżuri ta' promozzjoni fil-Politika Agrikola Komuni bi ***EUR*** 30 miljun bil-għan li l-produtturi jiġu megħjuna jsibu opportunitajiet ta' bejgħ alternattivi, filwaqt li jforni EUR 5 miljun bħala appoġġ addizzjonali lis-sajjieda permezz tal-FEMS; ***jemmen li dan il-finanzjament addizzjonali m'għandux iwassal għal żieda fl-esportazzjonijiet tal-UE lejn pajjiżi li qed jiżviluppaw bi prezzijiet li jdgħajfulhom is-swieq;*** jiddeċiedi wkoll li jżid l-ammont disponibbli għall-iskema tal-frott għall-iskejjel b'EUR 7 miljun u għall-iskema tal-ħalib għall-iskejjel b'EUR 4 miljun lil hinn mill-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni; |

Or. en

**Emenda 8**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***45a. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja l-ispiża relatata mal-klima u tieħu azzjoni korrettiva immedjata fil-każ li l-ilħuq tal-mira ta' 20 % u żżamma tal-effikaċja tal-programmi ta' infiq ikunu f'riskju;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 9**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***45b. Iżid l-approprjazzjonijiet maħsuba għall-iżvilupp rurali billi jnaqqas il-ħlasijiet diretti, bil-għan li jikkumpensa parzjalment għat-tnaqqis li jirriżulta mill-QFP il-ġdid;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/10

**Emenda 10**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45c (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***45c. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm distribuzzjoni ġusta tal-fondi billi jżidu l-appoġġ għal sistemi sostenibbli tal-biedja li jħarsu l-bijodiversità, jipproteġu s-sorsi tal-ilma u l-fertilità tal-ħamrija u jirrispettaw is-saħħa tal-annimali u l-impjiegi;*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45d (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***45d. Iqis li r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet jikkawżaw distorsjoni fis-suq u jmorru kontra l-għanijiet ta' żvilupp tal-UE; għaldaqstant huwa favur l-eliminazzjoni sħiħa tagħhom;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/12

**Emenda 12**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 45e (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***45e. Jemmen li la l-approprjazzjonijiet tal-PAK u lanqas xi approprjazzjoni oħra mill-baġit m'għandhom jintużaw għall-finanzjament ta' attivitajiet tas-sarar letali bit-toru; ifakkar li finanzjament bħal dan huwa ksur ċar tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien ta' Annimali miżmuma għal Skopijiet ta' Biedja (Direttiva tal-Kunsill 98/58/KE);*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 61a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***61a. Jemmen li n-nuqqas ta' fiduċja mill-pubbliku fin-negozjati dwar is-Sħubija Trans-Atlantika ta' Kummerċ u ta' Investiment ma jiddipendix fuq l-ammont ta' tagħrif mogħti mill-Kummissjoni, iżda fuq il-fatt li l-Kummissjoni mhix tagħti aċċess għad-dokumenti bażiċi tan-negozjati, li, jekk ikunu ppubblikati fuq l-internet ma jkunu involuti l-ebda spejjeż supplimentari iżda jsaħħu ferm aktar il-fiduċja tal-pubbliku fil-proċess; iqis, għaldaqstant, li l-ħolqien ta' linja baġitarja ġdida b'valur ta' EUR 4 miljun huwa superfluwa;*** |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 14**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 85a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***85a. Jenfasizza li l-Parlament kellu l-objettiv li jkabbar il-baġit tiegħu b'mod li jikkorrispondi mar-rata tal-inflazzjoni; jenfasizza l-fatt li żieda ta' 2,24 % hija ferm ogħla mir-rata attwali tal-inflazzjoni; jemmen, barra minn hekk, li, fiż-żminijiet attwali huwa diffiċli li wieħed jiġġustifika żieda bħal din;*** |

Or. en

**Emenda 15**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 86a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***86a. Jemmen li fiż-żmien medju l-Istatut tal-Membri, li jiġġenera spejjeż konsiderevoli marbuta mal-leġiżlatura l-ġdida, għandhom jiġu riveduti sabiex jitrażżnu wħud minn dawk l-ispejjeż;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 91a (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***91a. Jemmen li l-allowance għall-ispejjeż ġenerali għall-Membri jista' jkun sors ieħor ta' ffrankar addizzjonali; jitlob li l-Membri għandhom ikunu obbligati jiġġustifikaw 50 % tal-ispejjeż tagħhom taħt l-allowance għall-ispejjeż ġenerali billi jagħtu prova ta' evidenza;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/17

**Emenda 17**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 91b (ġdid)**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***91b. Ifaħħar l-approċċ tal-Parlament u l-ħidma tas-Segretarju-Ġenerali talli għamel disponibbli d-data, b'mod partikulari fir-rigward tad-data li tikkonċerna r-riżultati tal-elezzjonijiet, billi assigura l-akbar trasparenza fir-rigward ta' aċċess preċiż, fil-waqt xieraq, liberu, ibbażat fuq standards miftuħa u f'format li jinqara awtomatikament, għall-informazzjoni prodotta mill-Parlament; jistenna li dawn l-isforzi jitkomplew;*** |

Or. en

15.10.2014 A8-0014/18

**Emenda 18**
**Indrek Tarand**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Rapport** **A8-0014/2014**
**Eider Gardiazabal Rubial, Monika Hohlmeier**
Baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2015 - it-taqsimiet kollha
12608/2014 – C8-0144/2014 – 2014/2040(BUD)

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 107**

| *Mozzjoni għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***107. Ma jaqbilx bil-kbir mat-tnaqqis min-naħa tal-Kummissjoni, tan-nefqa direttament marbuta mal-attivitajiet politiċi tal-KtR u dik relatata, jew in-nefqa assoċjata mal-attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni; iżid, fid-dawl tal-bidu tal-mandat tal-KTR il-ġdid, il-linji baġitarji kkonċernati;*** | ***imħassar*** |

Or. en